SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 38**

**L-ERBGĦA 16 ta' ĠUNJU 2010 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.30P.M.**

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU | |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER | |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER | |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER | |
| RENE`ROSSINGAUD | KUNSILLIER | (wasal għall-laqgħa fis-6.05p.m.) |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER | (wasal għall-laqgħa fis-6.00p.m.) |

**SKUŻAT**

JOSEPH BONELLO VIĊI SINDKU

Gie skużat minħabba raġunijiet mediċi.

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 37 ġew approvati.Il-Kunsillier Fenech ippropona u l-Kunsillier Fava ssekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**<u>Mill-Kunsillier Mario Fava</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta għar-reminder li ntbagħtet lit-Transport Malta dwar l-esproprazzjoni ta' naħa ta' fuq ta' Triq is-Swieqi. Il-Kunsillier ġie nfurmat li għad ma waslitx tweġiba.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk kienx hemm xi ħjiel ta' meta ser jibdew ix-xogħlijiet ta' tiswijja ta' ħitan tas-sejjieħ fil-Madliena. Is-Sindku wieġbet li għad ma għandhiex data ta' meta ser jibdew dawn ix-xogħlijiet.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk kinitx saret il-laqgħa ma' l-Ispettur Micallef (tad-distrett) dwar il-problemi ta' studenti barranin li jiffrekwentaw din il-lokalita' l-aktar fix-xhur tas-sajf. Is-Sindku wieġbet li din il-laqgħa saret u ġew diskussi l-problemi kollha. Il-Kunsill talab ukoll biex issir laqgħa mas-Supretendent Gatt.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk Triq Markiż J. Scicluna saritx one way. Is-Segretarju wieġeb li dwar din il-materja jidher li teżisti xi problema mat-Transport Malta. Il-Kunsillier ġie nfurmat ukoll li ser issir appuntament ma' uffiċjal mit-Transport Malta biex terġa ssir żjra fuq il-post.

5. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux xi kuntatti dwar il-konferenza ma dawk il-pajjiżi li l-kosta tagħhom tagħmel parti mill-Mediterran. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li diġa irrispondew żewġ pajjiżi, dawn huma l-Italja u Franza pero' għadu kmieni wisq biex din tiġi konkluża.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli.......................)

6. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux xi żviluppi dwar il-proġett tal-bini tal-Kunsill fi Triq il-Keffa. Is-Sindku infurmat li dwar din il-materja ser issir laqgħa bejn il-Ministru Pullicino u Dr. Said. Il-laqgħa ser issir fuq il-post.Is-Sindku nfurmat wkoll li l-pjanti ta' dan il-proġett qed isiru mill-Ministeru.
   Il-Kunsillier Fava irrimarka li l-pjanti diġa kienu saru mill-Perit tal-Kunsill minħabba li kien staqsa għalihom Dr. Said. Dawn ix-xogħlijiet diġa tħallsu mill-Kunsill.
   Il-Kunsillier nforma li din hija t-tieni darba li l-Kunsill ħallas għal pjanti u wara ma intużewx.

7. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta għall-ittra li inkitbet lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar storbju u għajjat minn studenti barranin fis-sigħat bikrin ta' filgħodu. Is-Sindku wieġbet li għad ma waslitx risposta pero' ser issir laqgħa mas-Supretendent Gatt.

**<u>Mill-Kunsillier Alfred Curmi</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mit-Transport Malta dwar meta ser tibda topera il-Park & Ride. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx konferma.

2. Il-Kunsillier staqsa fl-liema stadju waslu x-xogħlijiet ta' tarmak fit-toroq tal-Madliena. Is-Sindku nfurmat li l-kuntrattur beda l-proċess tal-permessi mat-Transport Malta u ma' l-entitajiet ikkonċernati.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi indikazzjoni ta' meta ser tibda r-rotta l-ġdida tat-Transport Pubbliku. Is-Sindku nfurmat li din għad ma ġietx iffinalizzata.

4. Il-Kunsillier staqsa meta ser isir iċ-ċelebrazzjoni tal-firem tad-devoluzzjoni tat-Tennis Court u l-club house. Is-Sindku nfurmat li l-Ministri għadhom ma ikkonfermax.

**HUGH ZAMMIT** — **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** — **Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli.......................)

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi (jkompli...............)**

5. Il-Kunsillier informa li l-avviżi tal-laqgħa tal-Kunsill fuq il-ġurnal The Times reġa ma dherx. Hu staqsa sabiex dan jibda jintbagħat kmieni.

6. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mill-MEPA dwar il-bini ta' boundary walls fl-open plots fil-lokalita' . Is-Sindku wieġbet li għad ma waslitx risposta. Il-Kunsill staqsa sabiex tintbagħat reminder oħra.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku rrapurtat dwar laqgħa li kellha ma xi residenti minn Triq is-Sidra dwar storbju matul il-lejl minn studenti barranin. Hi nfurmat li dawn il-problemi ser jitqajmu waqt l-laqgħa li ser issir mas-Supretendent Gatt.
   Dwar l-istess suġġett, is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mas-Sinjura Vanessa Mc. Donald minn dive-com. Din il-persuna wegħdet li ser tiddiskuti din il-problema waqt il-programm Bonġu fuq TVM b' hekk tkun qed tqajjem awareness li aħna bħala kunsill qed nagħmlu ħilitna biex insolvu din il-problema.

2. Is-Sindku nfurmat li tlesta l-proġett ta' panelli solari li ġie installat fuq il-bejt tal-Kunsill. L-Awgurazzjoni ta' dan il-proġett saret fl-14 ta' Ġunju 2010. Għal din iċ-ċerimonja kienu preżenti uħud mill-Kunsillier, il-Kuntrattur u Dr. Chris Said.

3. Is-Sindku talbet biex isiru xi xogħlijiet ta' bankini. Hi rrapurtat li ta' sikwiet ikollha ilmenti dwar bankini li jkollhom bżonn ta' manutenzjoni. Ġie deċiż li jsir programm u jittalla fis-seduta tal-Kunsill li jmis.

4. Is-Sindku nfurmat li saru xogħlijiet ta' żebgħa fil-ġnien ta' Triq il-Ħemel. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-ħajt li jifred il-ġnien mit-Tennis Court ser jogħla b'żewġ filati oħra, b'hekk il-court ikun aktar sigur.

5. Is-Sindku rrapurtat dwar il-plot miftuħa fi Triq il-Keffa kantuniera ma Triq il-Qantar. Ġie rrapurtat li din il-plot ser titnaddaf. Pero' xorta waħda ser jibqa l-periklu minħabba li fiha ħafna terrapin. Ġie deċiż li ssir żjara fuq il-post mill-Perit tal-Kunsill sabiex dan iħejji rapport u wara jintbagħat lil MEPA. Ġie deċiż ukoll li tinkiteb ittra mill-avukat tal-Kunsill lis-sid sabiex dan jiġi infurmat li qed jinżamm responsabbli għall kull aċċident li jista' jiġi fuq l-art tiegħu.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

6. Is-Sindku irreferiet għall-artiklu li deher fuq il-ġurnal dwar li l-lokalita' tas-Swieqi li mhux inkluża fit-Tourist Zone. Is-Sindku infurmat li hi kitbet mill-ewwel lill-Ministru George Pullicino pero' dan fir-risposta tiegħu informa li s-suġġest mhux fir-risponsabilita' tiegħu u għaldaqstant għandu jiġi rrapurtat lill-Onorevoli Demarco. Is-Sindku infurmat ukoll li l-Onor Demarco diġa ġie infurmat .
Il-Kunsillier Fava staqsa sabiex tintbagħtlu kopja tal-korrispondenza sabiex hu jipprova jgħin min-naħa tiegħu.

7. Is-Sindku infurmat dwar l-attivita' Jum is-Swieqi. Hi talbet li jsir kumitat ad hoc sabiex dan jibda bil-programm ta' l-attivitajiet li ser isiru.

8. Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill għal xiri ta' kotba għall-eta bejn 12 u 14 il Sena, għall-librerija tal-Kunsill. Il-Kunsill approva €400.00. Il-Kunsillier Fava ssuġġerixxa li għandhom jintalbu sponsorship mingħand agenti li jbiegħu il-kotba. Hu rrikomanda li x-xiri għandu jsir mingħand minn jikkopera.

## IV KORRISPONDENZA

1. Il-Kunsill ġie nfurmat b'korrispondenza mit-TM li ser isiru xi oltarazzjonijiet fi Triq is-Sirk kantuniera ma Triq il-Ktajjen. Triq is-Sirk ser tiġi fir-*right of way.*

2. Inqrat Memo 70/2010 Regolamenti dwar is-servizzi ta' ġarr tal-passiġieri permezz ta' ferroviji mingħajr binarji (Trackless Trains). Il-Kunsill ikkonkluda li din is-sistema ma tkunx ta' benefiċċju għar-residenti ta' din il-lokalita'.

3. Inqrat ukoll Memo 52/2010. Skema ta' għajnuna finanzjarja għall-korsijiet lifelong learning. Il-Kunsill iddeċieda li din l-iskema ma tapplikax għal din il-lokalita'.

4. Ġie imqassam kuntratt ta' ftehim dwar id-devoluzzjoni tal-Tennis Court u l-club house. Il-Kunsill unanimament qabel mall-ftehim.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**Mill-Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier informa dwar il-laqgħa li saret fil-Kunsill ma l-ispettur tal-Pulizija tad-distrett. F' din il-laqgħa ġew diskussi l-problemi kollha li jirrigwardaw storbju bil-lejl minn studenti barranin u anki l-vandaliżmu u l-ħmieġ li dawn iħallu warajhom. Ġie diskuss ukoll "Enforcement Plan of action".

2. Il-Kunsillier informa li Triq is-Swieqi u Triq is-Sidra qed ikunu wisq maħmuġa kull nhar ta' Ħadd minħabba l-istess studenti li ħafna drabi jarmu il-pakketti tat-take away fit-Triq. Għaldaqstant hu rrimarka li dawn iż-żewġ toroq għandhom jinkinsu ukoll fil-Ħdud. Il-Kunsill qabel. Ġie deċiż li jsiru kuntatti mal-kuntrattur. Dawn ix-xogħlijiet jitħallsu bħala "extra work". Il-Kunsill talab ukoll li anki Triq il-Qasam titnaddaf aktar spiss.

3. Il-Kunsillier informa li l-helper li kellha tiġi mall-Kunsill sabiex tieħu ħsieb l-applikazzjoi ta' fondi mill-ewropa ma tistax tiġi minħabba li inbidlu xi proċeduri mid-Dipartiment. Hu rrikomanda li l-Kunsill għandu jipproċedi mod iehor.

**Kunsillier Gordon Shepard**

**Offerti**

1. Il-Kunsillier ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill. 3 offerti.
   Manutezzjoni ta' toroq u bankini.
   Kiri ta' vettura kummerċjali għall-użu tal-Kunsill u
   Poloz ta' assigurazzjoni li jinkludu third Party Liability".

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli.........................)

**Kunsillier Gordon Shepard (jkompli.......................)**

**Offerti**

2. L-ewwel offerta
   Manutenzjoni ta' Toroq u Bankini.
   Ġew sottomessi 7 offerti. Dawn huma:

   Alfred Schembri & Sons
   Road Servicing Ltd
   V&C Contractors Ltd
   Raymond Calleja
   Bonnici Brothers
   Asfaltar Ltd
   Ell's Urban Services

   Il-Perit tal-Kunsill għamel l-analiżi ta' kull offerta, hu rrakkomanda l-aktar waħda vantaġġuża dik ta' Alfred Schebri & Sons. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rikomandazzjoni tal-Perit.

3. It-Tieni offerta
   Kiri ta' Vettura Kummerċjali għall-użu tal-Kunsill. Ġiet ssottomessa offerta waħda biss Enroute Malta Ltd. €447.00 fix-xahar. Il-Kunsill idecieda dwar din l-offerta.

4. It-Tielet offerta.
   Poloz ta' assigurazzjoni.
   Gew sottomessi tlett offerti. Dawn huma:

| | |
|---|---|
| Ark Insurance Brokers | €3327.42 (option 1) |
| | €4591.54 (option 2) |
| KDM Insuramce Brokers | €2538.92 |
| MIB Insurance Brokers | €3327.42 (option 1) |
| | €2384.04 (option 2) |

   Il-Kunsill ideċieda dwar l-aktar offerta vantaġġuża dik ta' MIB €2384.04.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

**V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli.........................)**

**Kunsillier Gordon Shepard (jkompli........................)**

4. Il-Kunsillier ġibed għall-attenzjoni li l-polza ta' l-assigurazzjoni ta' Tower Crane armat fi Triq il-Qasam ħdejn l-Ironmongery mhix ċara u għaldaqstant hu jixtieq jitkellem mal-Periti li għandhom x' jaqsmu ma dawn il-proġett.
Il-Kunsill qabel li ssir din il-laqgħa u li għaliha tkun preżenti is-Sindku.

5. Il-Kunsillier staqsa biex issir tabella li tindika sorveljanza b' sistema ta' CCTV Camera 24 hrs ħdejn il-bringing site fi Triq il-Ġiżimin u Triq ix-Xiber. Hu staqsa il-possibilta' li f' dawn iż-żewġ postijiet isiru cameras. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tistaqsi dwar dan fil-laqgħa tal-kumitat konġunt li jmiss.

**Kunsillier Rene' Rossignaud**

6. Il-Kunsillier irrimarka dwar ħruġ ta' iskart minn residenti barra il-ħinijiet ta' ġbir. Hu irrikkomanda li fuq l-istikers li ser jiġu ordnati għandhom ikollhom xi tip ta' informazzjoni tal-ħinijiet il ġodda li fihom ser jibda jinġabar l-iskart jiġifieri mid-9.00am sa 12.00. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

7. Il-Kunsillier irrikomanda dwar il-bżonn ta' tindif u qtugħ ta' ħaxix mit-trejqa ta' taħt Triq il-Pedidalwett. Hu rrimarka wkoll li f' din iż-żona hemm anki ġebel fit-triq li jista' jkun qed iservi ta' sinjali għal hawker li jbiegħ il-ħaxix. Hu talab tindif taż-żona.

**Kunsillier Mario Fava**

1. Dan il-Kunsillier informa li għadu għaddej bil-kuntratti dwar twinning mar-Rumenja. Hu bagħtet l-informazzjoni kollha dwar din il-lokalita' pero' għad ma kellux risposta.

2. Il-Kunsillier nforma li fis-seduta li jmiss hu ser jippreżenta skeda ta' pagamenti differenti min dik li qed tiġi ppreżentata bħalissa. Hu rrikomanda li din għandha tiġi implimentata. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-iskeda li qed tintuża fil-preżent hija ferm effiċjenti kif ukoll tinkludi l-informazzjoni kollha mitluba mid-dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa ukoll li f' kull kwart tas-Sena jiġi ppreżentat rapport finanzjarju li jindika l-ispiża mill-budget tas-Sena kif ikoll il-variances fuq kull vot.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli.........................)

**Kunsillier Mario Fava (jkompli.......................)**

3. Il-Kunsillier irrakomanda li fis-seduta tal-Kunsill li jmiss għandu jiġi mistieden ic-Charmain tal-Kumitat Amministrattiv sabiex dan jingħata merħba.. Il-Kunsill qabel.

4. Il-Kunsillier irraporta li saru xi xogħlijiet ta' kostruzzjoni fi Triq il-Kwartin pero' il-kuntrattur ma irranġax il-bankina li hu kisser waqt li kien qed jibni. Il-Kuntrattur ġie avviċinat minn residenti pero; dan ma tax widen u issa lanqas biss mhu qed jirrispondi it-telefon cellulari. Għaldaqstant il-Kunsillier irrikomanda li għandha tintbagħat ittra uffiċjali li l dan il-Kuntrattur. Il-Kunsill qabel.

**Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier staqsa li wara s-sitt xhur mis-Sena finanzjarja għandu jsir revised budget. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li jekk hemm il-bżonn dan jista jsir pero' l-ewwel għandu jsir ir-rapport tas-6 xhur li jindika l-fondi mnaqqsa minn kull vot.

2. Il-Kunsillier informa li l-kuntrattur li qed jaħdem bit-tower crane fi Triq il-Molletta qed jibda kmieni fis-6.20 meta dan suppost jibda fis-7.00. Hu talab sabiex dan jerġa jiġi imwissi li għandu jibda jaħdem fil-ħinijiet stipulati fuq il-permess.

3. Il-Kunsillier staqsa biex jkomplu jinżebgħu bl-isfar it-traffic calmers kollha fil-lokalita'.

4. Il-Kunsillier staqsa biex terġa tibda titqassam hard copy tal-minuti fid-djar tal-Kunsilliera b' hekk jiġi ffrankat ħafna ħin mill-laqgħa peress li xi kunsillieri ma' jġibux il-minuti magħhom.

5. Il-Kunsillier irraporta dwar l-abbużi li qed isiru minn sewwieqa ta' coaches u trakkijiet. Dawn qed jużaw t-Triq tal-Wied li tagħti aċċess għat-Triq il-Qasam u San Gwann. Barra minn din it-Triq hija projbita għal vettri kbar. Dawn qed ikollhom problemi minħabba d-djuq ta' din it-Triq. Għaldaqstant il-Kunsillier talab għal aktar sorveljanza ta' wardens u l-pulizija.

6. Il-Kunsillier staqsa jekk l-awgurazzjoni tal-panelli fotovoltajiku dheritx fuq il-webiste tal-Kunsill. Is-Sindku wieġbed li din idga ġiet installata.

7. Il-Kunsillier poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill rapport li deher fuq il-gazzetta lokali dwar Żoni Turistiċi

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

*Il-Kunsillier shephard ġie skużat fis-7.45p.m.*

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Il-Kunsill ġie nfurmat bi bżonn ta' xiri ta' computer għall-użu tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li dan jinxtara mill-aktar fis.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li ser tiġi ordnata l-uniformi għas-sajf għall-impjegati tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

## VI APPROVAZZJONI TA' XIRI U PAGAMENTI.

1. Il-Kunsill approva il-pagamenti kollha li dehru fuq l-iskeda ta' pagamenti. Il-Kunsillier Curmi irrimarka li l-iskeda qegħda spjegata sewwa ħafna u li din għandha tibqa issir b' dan il-modd.

2. Il-Kunsill qabel wkoll illi jitħallsu il-bins ta' iskart li se jintużaw għar-residenti ta' Busietta Gardens. L-ammont huwa €315.00.

Billi l-Kunsillieri ma kellhomx aktar x' jiddiskutu, s-Sindku għalqet is-seduta fl-21.30p.m. Sar aġġornament għal nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju 2010 fil-5.30p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**